# RIŻORSA 1

*"Il-problema li għandna quddiemna hija waħda reali ta' immigrazzjoni massiva. L-ebda pajjiż fid-dinja mhu se jissaporti influss tant rapidu u kbir ta' nies li, inkontestabbilment, minħabba r-reliġjon u l-kultura differenti tagħhom, qed joħolqu taqlib fis-soċjetà Franċiża."*

*Sors: Marine Le Pen, President tal-Front Nazzjonali, partit politiku fi Franza, sors: intervista ma' Al Jazeera, 2012*

*"Hu inaċċettabbli li, ġieli, f'ċerti nħawi ta' Milan, tant ikun hemm persuni mhux Taljani preżenti li, minflok ma taħseb li qiegħed f'belt Taljana jew Ewropea, tistħajlek qiegħed f'belt Afrikana. Aħna dan ma naċċettawhx."*

*Sors: Silvio Berlusconi, ex Prim Ministru Taljan, sors: Al Jazeera, 2012*

"Ħeqq, naħseb li, definittivament, qed jaslu wisq nies, u naħseb li ħafna li issa huma qiegħda qed jibdew joħduha bi kbira minħabba li ħaddieħor qed jidħol fil-pajjiż u jsib xogħol; dan nafu bħala fatt. U naħseb li hemm ukoll biża' li xi darba fl-Ingilterra ma jifdalx Ingliżi; kulħadd ikun barrani."

*Sors: Persuna intervistata fuq l-aħbarijiet, sors: Channel 4, 2013*

- X'tipi ta' attitudni lejn il-migranti qed jiġu espressi fil-kummenti?
- X'raġunijiet qed jingħataw mill-kummentaturi għaliex iqisu kif iqisu lill-migranti u l-migrazzjoni?
- Kieku kont migrant, kif kienu jġiegħluk tħossok kummenti u attitudnijiet ta' dan it-tip?